



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 31.7.2013  
COM(2013) 561 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW**

**Il-programm ta' ħidma annwali tal-Unjoni għall-istandardizzazzjoni Ewropea**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

# KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

## Il-programm ta' ħidma annwali tal-Unjoni għall-istandardizzazzjoni Ewropea

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

### 1. INTRODUZZJONI

It-tir tal-Ewropa huwa li toħloq tkabbir u impjiegi b'mod intelliġenti, sostenibbli u inklussiv permezz tal-istrateġija Ewropa 2020<sup>1</sup> u l-inizjattivi ewlenin tagħha. L-importanza tal-istandardizzazzjoni għall-impjiegi, it-tkabbir u l-irkupru ekonomiku kien imtenni reċentement fl-Aġġornament tal-Kummissjoni dwar il-Politika Industrijali, “Industrija Ewropea Aktar b'Saħħitha għat-Tkabbir u l-Irkupru Ekonomiku” adottat f'Ottubru 2012<sup>2</sup>.

Mir-riċerka sal-produzzjoni, mill-produttur sal-konsumatur, mill-Ewropa sal-bqija tad-dinja, l-istandards Ewropej ineħħu l-ostakoli, jissalvagwardjaw l-utenti, jiproteġu l-ambjent, jiżguraw l-interoperabbiltà, inaqqsu l-ispejjeż u jħeġġu l-kompetizzjoni. L-istudji juru li l-istandardizzazzjoni żżid bejn 0.3 % u 1 % tal-PGD<sup>3</sup> u b'hekk tgħin lill-industrija biex tersaq lejn il-mira li tikkontribwixxi 20 % tal-PDG tal-UE sal-2020<sup>4</sup>.

Sabiex ikun żgurat li s-sistema ta' standardizzazzjoni tal-Ewropa tista' tilħaq l-isfidi tal-lum tal-innovazzjoni mgħaġġla, is-sostenibbiltà, il-konverġenza tat-teknoloġiji u l-kompetizzjoni globali ħarxa, fl-2011 il-Kummissjoni pproponiet pakkett ta' riforma<sup>5</sup> li jinkludi Regolament ġdid li daħal fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2013<sup>6</sup>. Din ir-riforma kellha l-mira li żżid l-inklussività, ir-reazzjoni, it-trasparenza, il-flessibbiltà u l-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema.

Waħda mill-innovazzjonijiet tar-riforma hija l-obbligu għall-Kummissjoni li tadotta programm ta' ħidma annwali tal-Unjoni għall-istandardizzazzjoni Ewropea. Dan il-programm ta' ħidma jidentifika prijoritajiet strateġiċi għall-istandardizzazzjoni Ewropea filwaqt li jqis l-istrateġiji fit-tul tal-Unjoni għat-tkabbir u jstabbilixxi objettivi għad-dimensjoni internazzjonali tal-istandardizzazzjoni Ewropea b'appoġġ tal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-Unjoni.

Huwa jindika l-istandards u l-prodotti tal-istandardizzazzjoni Ewropea l-oħra li l-Kummissjoni biħsiebha titlob mill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni (ESOs) — CEN, CENELEC u ETSI — is-sena d-dieħla u l-għani jiet u l-politiki speċifiċi li jappoġġjaw. Dan jikkonċerna primarjament standards li jipprovdu preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni.

<sup>1</sup> COM(2010) 2020 finali

<sup>2</sup> COM(2012) 582 finali

<sup>3</sup> Swann G.M.P., “The Economics of Standardisation: An Update”, Report for the UK Department of Business, Innovation and Skills, 2010

<sup>4</sup> Il-mira stabbilita fil-Komunikazzjoni dwar il-Politika Industrijali ta' Ottubru 2012

<sup>5</sup> COM(2011) 311 finali

<sup>6</sup> Ir-Regolament (EU) Nru 1025/2012

Il-Kummissjoni tappoġġja wkoll l-attivitajiet tal-istandardizzazzjoni Ewropea li jgħinu fil-kisba tal-oġettivi ta' politika oħra tal-UE u dan il-programm ta' ħidma jistieden lill-ESOs biex jagħtu bidu għall-attivitajiet fl-oqsma prijoritarji kollha, inklużi dawk mingħajr id-dispożizzjonijiet legali meħtieġa sabiex iservu ta' bażi għal talba formali ta' standardizzazzjoni tal-Kummissjoni (mandat).

L-istandards Ewropej żviluppata mill-ESOs fuq inizzjattiva tal-impriżi, il-korpi nazzjonali tal-istandardizzazzjoni jew partijiet interessati oħra li mhumiex marbuta mal-politiki tal-UE, mhumiex koperti f'dan il-programm ta' ħidma.

Dan il-programm annwali ta' ħidma jantiċipa orjentazzjonijiet u azzjonijiet futuri b'mod kemm jista' jkun preċiż. Dawn l-orjentazzjonijiet m'għandhom l-ebda impatt baġitarju lil hinn minn dak li huwa diġà previst u l-appoġġ għal elementi ta' ħidma jiddependi fuq id-disponibbiltà ta' finanzjament, is-sottomissjoni ta' proposti ta' kwalità u l-qbil mal-ESOs rilevanti, mal-korpi tal-istandards nazzjonali jew ma' korpi oħra previsti fir-Regolament. F'każijiet ta' urġenza, eż. wara oġġezzjonijiet formali kontra standards armonizzati, il-Kummissjoni tista' toħroġ mandati mhux previsti f'dan il-programm ta' ħidma.

It-trasparenza miġjuba bil-pubblikazzjoni ta' dan il-programm ta' ħidma tal-Unjoni hija mistennija li żżid l-effiċjenza u ttejjeb l-ippjanar tax-xoġhol.

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni biħsiebha:

- Tfitteż titjib għall-Ftehimiet ta' Qafas ta' Sħubija mal-ESOs li jiskadu din is-sena, sabiex tinżamm tal-ogħla kwalità possibbli filwaqt li jkompli jitnaqqas il-ħin medju meħtieġ biex jiġu żviluppata strumenti ta' standardizzazzjoni;
- Torganizza sejħiet għal proposti fir-rigward ta' rappreżentanza Ewropea tal-SMEs, tal-konsumaturi u ta' organizzazzjonijiet tal-partijiet interessati ambjentali u soċjali f'xoġhol ta' standardizzazzjoni. Filwaqt li dan se jiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-SMEs billi jipprovdi finanzjament, il-Kummissjoni se tkompli wkoll tappoġġja proġetti speċifiċi li jiffaċilitaw l-aċċess tal-SMEs u l-parteċipazzjoni fl-istandardizzazzjoni;
- Tkompli bil-ħidma tagħha tal-istandardizzazzjoni tal-ICT permezz ta' pjattaforma ta' bosta partijiet interessati<sup>7</sup>, waħda oħra mill-innovazzjonijiet li jinsabu fil-pakkett ta' standardizzazzjoni tal-2011. Id-djalogu permanenti bejn l-awtoritajiet pubbliċi, il-partijiet interessati u l-organizzazzjonijiet li jiżviluppaw l-istandards, inkluż fora u konsorzja globali, wera, fil-perjodu qasir ta' żmien minn meta twaqqaf li jista' jirrispondi għan-natura mgħaġġla tal-iżviluppi f'dan il-qasam. Il-pjan dettaljat ta' implimentazzjoni tal-istandardizzazzjoni tal-ICT ġie żviluppat u huwa aġġornat biex b'hekk jippermetti lill-Unjoni tirrispondi għad-dinja diġitali li qed tevolve b'pass mgħaġġel.

Qabel tmiem l-2013, il-Kummissjoni se tniedi analiżi indipendenti dwar il-governanza tas-sistema tal-istandardizzazzjoni biex tevalwa jekk l-għanijiet strateġiċi tar-riforma ntlaħqux. L-għan ewlieni tagħha se jkun li teżamina jekk, fil-perspettiva fit-tul, is-sistema ta' standardizzazzjoni Ewropea hix kapaċi tadatta għall-ambjent li jevolvi malajr u tikkontribwixxi għall-għanijiet interni u esterni strateġiċi tal-Ewropa, b'mod partikolari fil-qasam tal-politika industrijali, l-innovazzjoni u l-

<sup>7</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28.11.2011, ĠU C 349, 30.11.2011. Issodisfati għall-ewwel darba fis-26/03/2012

iżvilupp teknoloġiku. Se teżamina wkoll jekk is-sistema ta' standardizzazzjoni Ewropea hix adegwata min-naħa tal-bżonnijiet tas-suq, tal-inklussività u tar-rappreżentattività.

Ir-riżultati tal-analiżi indipendenti se jiġu vvalutati mill-Kummissjoni sabiex jiġu identifikati l-għażliet li jistgħu jtejbju aktar is-sistema ta' standardizzazzjoni Ewropea u l-kapaċità tagħha biex tappoġġja l-għanijiet ta' politika strateġiċi tal-Ewropa.

## **2. PRIJORITAJIET STRATEĠIĊI GĦALL-ISTANDARDIZZAZZJONI EWROPEA**

### **2.1. Industrija Ewropea Aktar b'Saħħitha għat-Tkabbir u l-Irkupru Ekonomiku**

Fl-aħħar aġġornament tal-Komunikazzjoni dwar il-Politika Industrijali tal-Kummissjoni ġiet innotata l-ħtieġa li jiġu żviluppatti standards għal teknoloġiji ġodda qabel l-ewwel introduzzjoni tagħhom fis-suq. Dan identifika sitt oqsma b'rata ta' tkabbir mgħaġġla għall-azzjoni prijoritarja: it-teknoloġiji tal-manifattura avvanzati, it-teknoloġiji abilitanti essenzjali, il-bijoprodotti, il-politika sostenibbli fil-qasam tal-konstruzzjoni, tal-industrija u tal-materja prima, il-vetturi nodfa, il-grilji intelliġenti.

#### *2.1.1. It-teknoloġiji tal-manifattura avvanzati*

It-Task Force għat-Teknoloġiji tal-Manifattura Avvanzati għal Produzzjoni Nadifa mmexxija mill-Kummissjoni se tidentifika fejn standardizzazzjoni ulterjuri tista' tikkontribwixxi għall-kummerċjalizzazzjoni fis-suq. Aktar tard, il-Kummissjoni qed tistenna li tnedi studju ta' fattibbiltà għal attivitajiet ta' standardizzazzjoni Ewropej u internazzjonali f'dan il-qasam.

#### *2.1.2. Teknoloġiji abilitanti essenzjali (KETs)*

Matul is-sena d-dieħla, il-Kummissjoni se teżamina fejn standardizzazzjoni ulterjuri fil-qasam tal-KETs tista' tgħin biex jiġi żgurati l-iżvilupp f'waqtu tas-Suq Intern għal prodotti bbażati fuq il-KETs; wieħed mill-aspetti koperti fl-inizjattiva tal-Kummissjoni għall-analiżi tal-leġiżlazzjoni tas-suq intern għall-prodotti industrijali<sup>8</sup>.

Permezz tal-faċilitajiet ta' riċerka tagħha u ta' programmi ta' finanzjament, il-Kummissjoni se tappoġġja l-iżvilupp tal-istandards Ewropej għal metodoloġiji ta' karatterizzazzjoni ta' nanomaterjali manifatturati f'forma meħtieġa għall-ittejtjar tat-tossiċità u l-ekotossiċità, it-teħid ta' kampjuni u l-metodi ta' kejl tal-esponiment, u l-metodi għas-simulazzjoni tal-esponiment għan-nanomaterjali. Jinħtieġ approċċ koerenti ma' attivitajiet fl-OECD, u l-ESOs għandhom jikkollaboraw mill-qrib mal-korpi internazzjonali tal-istandardizzazzjoni.

#### *2.1.3. Il-bijoprodotti*

L-istabbiliment ta' Suq Intern għall-bijoprodotti jirrikjedi l-iżvilupp tal-istandards u l-aġġornament tar-regolamenti. Il-Kummissjoni tistenna li l-ESOs ikomplu jaħdmu fuq mandati għall-bijofjuwils u l-bijoprodotti, inklużi l-bijofjuwils b'mod ġenerali, kif ukoll fuq mandati speċifiċi għall-bijopolimeri, il-lubrikanti, is-solventi u l-aġenti tensjoattivi. Ir-riċerka prenormattiva għall-iżvilupp tal-metodi ta' ttejtjar applikabbli għall-kejl tal-kontenut b'bażi bijoloġika u l-funzjonalitajiet u l-kriterji ta' sostenibbiltà tal-bijoprodotti eż. il-bijopolimeri innovattivi, il-lubrikanti, is-solventi u l-aġenti tensjoattivi, trid ukoll tiġi kkunsidrata. Żjut tal-piroliżi u l-alge jistgħu jkunu wkoll oqsma għal standardizzazzjoni marbuta ma' prodotti tal-bijofjuwils.

<sup>8</sup>

[http://ec.europa.eu/governance/impact/planned\\_ia/docs/2013\\_entr\\_003\\_industrial\\_products\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/governance/impact/planned_ia/docs/2013_entr_003_industrial_products_en.pdf)

#### 2.1.4. *Il-politika sostenibbli fil-qasam tal-industrija, il-kostruzzjoni u l-materja prima*

##### 2.1.4.1. Prodotti għall-kostruzzjoni

L-istandards Ewropej għandhom jadattaw ruħhom mar-rekwiżiti l-ġodda filwaqt li jqisu l-aspetti ta' sostenibbiltà tal-prodotti, tal-proċessi u tax-xogħlijiet tal-kostruzzjoni, kif ukoll tal-prodotti innovattivi sabiex jissaħħaħ is-Suq Intern.

Il-Kummissjoni pprovdiet il-kompetenza teknika għat-tnejn tal-abbozz standard orizzontali għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet ta' sustanzi perikolużi regolati fil-prodotti għall-kostruzzjoni.

Sabiex tittejjeb il-kompetittività tas-servizzi tal-kostruzzjoni tal-UE, il-Kummissjoni se tippromwovi l-adozzjoni fil-livell internazzjonali ta' standards tad-disinjar strutturali tal-Eurocodes skont il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Kompetittività Sostenibbli tas-Settur tal-Kostruzzjoni<sup>9</sup>.

Fl-Istħarriġ TOP-10 tal-Kummissjoni<sup>10</sup> li sar lejn l-aħħar tal-2012, uħud minn dawk li wiegħbu qalu li għalihom il-benefiċċju sħiħ ta' simplifikazzjoni li jirriżulta mill-aħħar reviżjoni tar-Regolament dwar il-prodotti għall-kostruzzjoni kienet tiddependi fuq l-aġġornament tal-Istandard Ewropew dwar l-eżekuzzjoni tal-istrutturi tal-azzar u tal-aluminju. Il-Kummissjoni se tikkonsulta lill-partijiet interessati u għadha mnejn titlob aġġornament mgħaġġel tal-istandard.

##### 2.1.4.2. Azzar

L-istandards Ewropej jistgħu jippromwovu l-produzzjoni sostenibbli tal-prodotti tal-azzar għall-kostruzzjoni. L-industrija tal-azzar diġà qed tiżviluppa il-Marka tal-Prodotti tal-Azzar għall-Kostruzzjoni — Suststeel. Il-Kummissjoni se teżamina l-potenzjal ta' Suststeel biex jissaħħaħ is-sehem tas-suq ta' prodotti sostenibbli tal-azzar għall-kostruzzjoni Ewropej u tista' titlob għal attivitajiet speċifiċi ta' standardizzazzjoni.

##### 2.1.4.3. Prodotti ta' Ekodisinn/relatati mal-Enerġija

Fid-Direttiva tal-Ekodisinn kienu koperti prodotti differenti<sup>11</sup>, inklużi l-muturi, il-pompi, il-fannijiet, il-prodotti tad-dawl u l-oġġetti tad-dar. S'issa l-fokus kien fuq l-użu tal-enerġija madankollu d-Direttiva tindirizza l-aspetti kollha ambjentali, fosthom l-effiċjenza fl-użu tal-materjali u r-riżorsi. F'dan ir-rigward, se jiġu żviluppati standards relatati mal-effiċjenza tar-riżorsi bħall-indiċijiet ta' riċiklaġġ jew id-durabilità ta' komponenti jew parametri ambjentali oħra (eż. l-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu l-arja), sabiex jiffaċilitaw il-karatterizzazzjoni tar-rekwiżiti potenzjali tal-ekodisinn f'oqsma oħra.

Il-Kummissjoni se tnejn emendi tekniċi għall-mandat eżistenti marbut mal-istandards tal-armonizzazzjoni fil-qasam tal-Ekodisinn<sup>12</sup> b'appoġġ tar-regolamenti dwar il-prodotti Ekodisinn li ġejjin:

- transformers tad-dawl żgħar, medji u kbar ;
- kompartimenti għall-ħżin professjonali, blast cabinets, proċess chillers, unitajiet ta' kondensazzjoni u kmamar keşhin li tista' timxi ġeww fihom;

<sup>9</sup> COM(2012) 433 finali

<sup>10</sup> COM(2013) 122 finali u SWD(2013) 60 finali

<sup>11</sup> Id-Direttiva 2009/125/KE

<sup>12</sup> M/495

- sistemi ta' ventilazzjoni;
- prodotti tad-dawl;
- radjaturi u ħiters tal-ilma.

Skont l-iżvilupp ta' miżuri oħra ta' implimentazzjoni, għandhom mnejn jitħejjew aġġornamenti tekniċi addizzjonali għal prodotti li jaqgħu taħt il-mandat eżistenti.

Skont il-Pjan ta' Ħidma tal-Ekodisinn 2012-14<sup>13</sup>, ir-rekwiżiti possibbli tal-ekodisinn u/jew tat-tikkettar tal-enerġija se jiġu kkunsidrati għal gruppi ta' prodotti ġodda. Il-lista ta' prijorità tinkludi prodotti tat-twieqi l-elettrodomestiċi/l-arloġġi intelliġenti, l-apparat għall-ħżin tal-inbid, il-bojlers tal-fwar, is-servers tal-intrapriżi, il-kejbils tal-elettriku u l-prodotti marbuta mal-ilma. Il-Kummissjoni se taġġorna mandat tal-ekodisinn sabiex, skont il-ħtieġa, jkun jistgħu jinħarġu emendi tekniċi għal prodotti speċifiċi.

#### 2.1.4.4. Ir-riċiklaġġ tal-iskart

L-istandards Ewropej ġodda għall-kwalitajiet gradati ta' materjali riċiklati (eż. il-metalli, l-injam u t-tessuti) irawmu wkoll l-iżvilupp tas-suq. Il-Kummissjoni tistenna xogħol ta' standardizzazzjoni ġdid biex jiġu żviluppati u vvalidati (paragun bejn il-laboratorji) metodi għal:

- karatterizzazzjoni tal-iskart għal proprjetà perikoluża H 12 — rilaxx ta' gass tossiku akut tal-kategorija 1, 2 jew 3;
- elementi determinanti u sustanzi fl-iskart marbuta ma' perikli għas-saħħa u għall-ambjent (proprjetajiet perikolużi H 4, 5, 6, 7, 8, 10, 11, 13, 14);
- is-sostenibbiltà u l-standards tat-tossiċità għall-bijoskart riċiklat jew prodotti sekondarji agrikoli (għajr il-fertilizzanti).

#### 2.1.4.5. materja prima mhux tal-enerġija u mhux agrikola

Is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar il-Materja Prima<sup>14</sup> se tlaqqa' flimkien il-partijiet interessati biex titħaffef l-adozzjoni tas-suq ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi u soluzzjonijiet oħrajn. Il-Kummissjoni qed tħejji Pjan Strateġiku ta' Implimentazzjoni li jinkludi s-suġġerimenti mill-partijiet interessati, li jista' jipprevedi xogħol ta' standardizzazzjoni.

#### 2.1.5. *Vetturi u bastimenti nodfa*

Il-Komunikazzjoni CARS 2020<sup>15</sup> tippredvi politika koordinata tal-azzjonijiet li jappoġġjaw l-introduzzjoni fis-suq ta' vetturi nodfa, fosthom l-użu ta' vetturi elettriċi u ibridi li tipplaggjahom li jeħtieġu standards jew rekwiżiti f'waqthom sabiex l-infrastruttura tkun tista' tiegħu nifs ġdid. Il-pakkett dwar l-Użu tal-Enerġija Nadifa għat-Trasport<sup>16</sup> se jkun jeħtieġ li l-Kummissjoni titlob li jiġu żviluppati standards Ewropej ġodda.

Il-ftehimiet internazzjonali dwar l-istandards u r-regolamenti, b'mod partikolari fil-qafas tan-NU/KEE se jgħinu biex jiġu ffrankati l-ispejjeż u jitħaffef it-tkabbir tas-suq. Il-Kummissjoni nediet ukoll inizjattiva konġunta mal-Istati Uniti, iċ-Ċina u l-

<sup>13</sup> SWD(2012) 434 finali.

<sup>14</sup> COM(2012) 082 finali

<sup>15</sup> COM(2012) 636 finali

<sup>16</sup> COM(2013) 17 finali

Ġappun, sabiex tesplora aktar approċċi regolatorji komuni għall-kwistjonijiet ambjentali u ta' sikurezza fir-rigward ta' vetturi elettriċi.

Il-Kummissjoni se tmexxi r-riċerka prenormativa dwar is-sikurezza tal-batteriji u l-ħżin tal-idroġenu għal applikazzjoni fis-settur tal-karozzi. Din se tipprovi bażi xjentifika u teknoloġika għal kwistjonijiet marbuta mas-sigurtà tal-komponenti elettriċi ta' sistemi ta' ħażna tal-enerġija rikarikabbli.

Għandha wkoll — fil-qafas ta' kollaborazzjoni internazzjonali, b'mod partikolari mal-Istati Uniti — twestaq riċerka prenormativa fir-rigward ta' kejl u metodoloġiji tal-ittestjar biex tikkarakterizza l-prestazzjoni tat-teknoloġiji tal-idroġenu u ċ-ċelloli tal-fjuwil. Se tipprovi wkoll kontribut tekniku għall-iżvilupp madwar id-dinja kollha ta' ċikli tat-testijiet u proċeduri standardizzati/armonizzati għall-vetturi ħfief u l-vetturi elettriċi kollha.

#### 2.1.6. *Grilji intelliġenti*

Hi meħtieġa infrastruttura adegwata, inkluż is-soluzzjonijiet għall-ħżin u għall-ibbilanċjar tal-kapaċità, sabiex tintegra l-enerġija rinnovabbli fis-sistema tal-elettriku, tikkontribwixxi għall-effiċjenza tal-enerġija, u takkomoda talbiet ġodda. Huma meħtieġa standards li jiżguraw l-interoperabbiltà tal-grilji intelliġenti transfruntiera, kif ukoll sett minimu komuni ta' standards.

F'Diċembru 2012 il-Kumitat ta' Tmexxija tat-Task Force dwar il-Grilji Intelliġenti, imwaqqaf mill-Kummissjoni fl-2009<sup>17</sup>, approva iterazzjoni tal-mandat<sup>18</sup> biex jappoġġja l-użu tal-Grilja Intelliġenti Ewropea għall-2013-14 biex tindirizza żewġ oqsma ewlenin:

- il-metodi tal-ittestjar tal-interoperabbiltà tas-sistemi u l-metodoloġija tal-ittestjar għall-konformità,
- l-implimentazzjoni tal-metodoloġiji żviluppata u l-iżvilupp ta' sett ulterjuri ta' standards.

Il-Kummissjoni se tikkontribwixxi għal dan ix-xogħol fid-dawl tal-politiki Ewropej u l-programm ta' ħidma tal-Kunsill Ekonomiku Trans-Atlantiku dwar il-grilji intelliġenti/l-interoperabbiltà tal-vettura-e.

## 2.2. **It-tisħiħ tas-suq intern tal-oġġetti u s-servizzi**

Is-suq intern huwa mutur vitali għat-tkabbir u l-impjiegi. L-istandards Ewropej jagħtu spinta lill-kompetittività permezz ta' tnaqqis fl-ispejjeż tal-produzzjoni, l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-prestazzjoni, u l-iżguraw li t-teknoloġiji innovattivi jistgħu jitqiegħdu fis-suq. Standards armonizzati jmorru lil hinn: il-konformità tiggarrantixxi wkoll il-livell meħtieġ ta' sikurezza tal-prodotti.

#### 2.2.1. *Is-sikurezza tat-tfal*

Il-Kummissjoni se titlob l-iżvilupp ta' standards Ewropej għal baby slings, carriers rotob u inkwadri, bawnsers tat-trabi, bandli u oġġetti simili b'appoġġ għad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti<sup>19</sup> (DSĠP). Jistgħu jintalbu li jiżdiedu wkoll l-istandards għall-plejgawnds u għat-tagħmir li jintuża fil-plejgawnds.

<sup>17</sup> [http://ec.europa.eu/energy/gas\\_electricity/smartgrids/taskforce\\_en.htm](http://ec.europa.eu/energy/gas_electricity/smartgrids/taskforce_en.htm)

<sup>18</sup> M/490

<sup>19</sup> Id-Direttiva 2001/95/KE

### 2.2.2. *Is-sikurezza ta' prodotti oħrajn għall-konsumatur*

Filwaqt li s-sistema ta' twissija mgħaġġla għall-prodotti perikolużi li mhumiex tal-ikel — RAPEX — tiżgura li l-prodotti perikolużi issa qed jiġu identifikati u mneħħija mis-suq tal-UE b'mod aktar faċli, is-sikurezza tas-sors baqgħet il-mira ewlenija. Skont id-DSĠP, il-Kummissjoni qed tistenna li toħroġ talbiet għal standards Ewropej li jkopru l-fuklari bla tromba li jaħdmu bl-alkoħol, ix-xemgħat, il-barbikjus u l-għamara ta' barra. L-importanza ta' dawn il-kwistjonijiet għet enfasizzata għal darb'oħra fil-pakkett tal-Kummissjoni ta' Frar 2013 dwar is-sorveljanza tas-suq u s-sikurezza tal-prodotti <sup>20</sup> li fih proposta għal Regolament ġdid dwar is-sikurezza tal-prodotti tal-konsumatur (RSPK).

### 2.2.3. *Il-kwalità u s-sikurezza fl-ikel u l-għalf*

Jinħtieġu standards ta' sikurezza u kwalità fl-ikel ġodda jew imtejba biex jindirizzaw l-effetti tal-globalizzazzjoni fuq il-produzzjoni tal-ikel, il-kummerċ u l-konsum, inkluż għal prodotti tal-ikel organiċi li qed ikunu dejjem aktar preżenti fl-iskambji tal-kummerċ internazzjonali. Dan jeħtieġ riċerka ta' livell għoli fil-qasam tal-istandards tas-sikurezza fl-ikel u tal-metodoloġiji ġodda u/jew tal-materjal ta' referenza li jridu jiġu vvalidati u ċċertifikati biex jintużaw fil-kontrolli uffċjali tal-ikel u l-għalf.

It-titjib tal-metodi eżistenti, l-iżvilupp ta' aktar metodi standardizzati ta' analiżi u l-validazzjoni tal-istandards eżistenti għal matriċi tal-ikel ġodda huma meħtieġa biex ikun iggarantit l-infurzar effettiv u uniformi tal-leġiżlazzjoni tal-UE<sup>21</sup> fl-Istati Membri kollha u sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza.

Il-Kummissjoni se tikkontribwixxi għall-forniment ta' kompetenza teknika u għas-sottomissjoni ta' metodi vvalidati għad-detezzjoni u d-determinazzjoni ta' sustanzi mhux mixtieqa fl-ikel u fl-għalf.

### 2.2.4. *Prodotti kożmetiċi*

Fil-qafas tar-Regolament dwar il-Kożmetiċi<sup>22</sup>, il-Kummissjoni tista' titlob attivitajiet ta' standardizzazzjoni fir-rigward tal-prattiki tajba tal-manifattura u t-teħid ta' kampjuni u l-analiżi tal-prodotti kożmetiċi.

### 2.2.5. *Il-kompożizzjoni tal-fibri ta' prodotti tat-tessut*

Skont ir-Regolament dwar it-Tessuti<sup>23</sup> il-Kummissjoni tistenna li toħroġ mandat ta' standardizzazzjoni dwar l-analiżi kwantitattiva tat-taħlitiet ta' fibri tat-tessut billi l-metodi ta' kwantifikazzjoni attwali tal-istandards EN ISO jvarjaw minn dawk deskritti fir-Regolament.

### 2.2.6. *Fertilizzanti*

L-għan ewlieni tal-proposta futura biex tirrevedi r-Regolament dwar il-Fertilizzanti<sup>24</sup> hu li jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu minn fertilizzanti inorganiċi biss għal kategoriji oħra ta' prodotti li bħalissa huma koperti mir-regoli nazzjonali. Il-Kummissjoni x'aktarx titlob standards ġodda biex tkopri t-terminoloġija, lista tat-tipi speċifiċi għal kull kategorija ta' prodotti, kjarifika aħjar tar-rekwiżiti ta' tikkettar,

<sup>20</sup> COM(2013) 78 finali

<sup>21</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004

<sup>22</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009

<sup>23</sup> Ir-Regolament (EU) Nru 1007/2011

<sup>24</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003

rekwiżiti għal kompożizzjoni kimika u effikaċja agrikola kif ukoll metodi tal-ittestjar.

L-ESOs se jintalbu jivverifikaw li l-istandards analitiċi orizzontali żviluppatti għall-ħama, l-iskart bijodegradabbli u l-ħamrija jkunu applikabbli wkoll għal fertilizzanti organiċi u l-aġenti li jtejbju l-ħamrija organika. Jeħtieġu li jiġu żviluppatti u vvalidati metodi speċifiċi għall-bijostimulanti tal-pjanti u addittivi speċifiċi għall-fertilizzanti.

#### 2.2.7. *Is-sikurezza ta' makkinarju li hinn mill-kosta (offshore)*

L-istandardizzazzjoni hija meħtieġa sabiex titjeb is-sikurezza tat-tagħmir għall-industrija taż-żejt u tal-gass lil hinn mill-kosta. Wara r-rifjut tal-mandat<sup>25</sup> fil-qasam ta' tagħmir użat fl-industrija taż-żejt u l-gass lil hinn mill-kosta mill-ESOs, il-Kummissjoni se titlob l-istandardizzazzjoni għal ċerti oġġetti speċifiċi ta' tagħmir essenzjali għas-sikurezza.

#### 2.2.8. *Trasport bl-ajru*

Ir-Regolament dwar l-Interoperabilità<sup>26</sup> jindirizza l-modernizzazzjoni tan-netwerk Ewropew ta' amministrazzjoni tat-traffiku tal-ajru. F'Marzu 2013 inħareġ mandat<sup>27</sup> li jtitlob lill-ESOs biex jiżviluppaw, b'kooperazzjoni mal-Organizzazzjoni Ewropea għall-Apparat tal-Avjazzjoni Ċivili (EUROCAE), u f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA), lista tal-istandards Ewropej identifikati fil-pjan direzzjonali tal-Pjan Regolatorju Ewropew tal-ATM, li diġà qed jiġi żviluppat fil-EUROCAE. Il-lista dettaljata tal-istandards hija pprovduta bħala Anness għall-Mandat, iżda se tkun emendata skont l-aġġornament perijodiku tal-Pjan Regolatorju tal-ATM.

L-istandards GNSS (relatati mal-EGNOS u GALILEO), għall-avjazzjoni tal-Pjan Regolatorju tal-ATM għal Bidliet Essenzjali Operazzjonali. il-Passi 2 u 3 huma koperti fit-Taqsima 2.2.13.2 u xi standards ta' sigurtà speċifiċi għall-avjazzjoni huma koperti fit-Taqsima 2.2.14 ta' dan il-programm ta' ħidma.

Dawn l-istandards Ewropej għandhom jiġu promossi wkoll fid-dinja kollha, l-aktar permezz tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili (ICAO), biex tkun żgurata l-interoperabbiltà globali.

Qed jinħoloq suq globali għal sistemi ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod (RPAS) li jippreżenta opportunità sinifikanti ta' tkabbir u potenzjal konsiderevoli ta' impjiegi. Sabiex jiġi mmaterjalizzat dan il-potenzjal, huma meħtieġa standards għall-integrazzjoni progressiva tal-RPAS fis-sistema tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru Ewropew. Dawn se jitqiesu fil-pjan direzzjonali rivedut dwar l-istandardizzazzjoni tal-Pjan Regolatorju tal-ATM.

#### 2.2.9. *Transport bil-ferrovija*

Biex jittieħed vantaġġ sħiħ tal-istabbiliment ta' żona mingħajr fruntieri interni, l-interkonnexxjoni u l-interoperabilità tan-netwerks ferrovjarji nazzjonali u l-aċċess għalihom għandhom jitjiebu. Huma meħtieġa standards Ewropej ġodda biex jappoġġjaw dan li ġej:

- Il-miżuri ta' prevenzjoni tat-tixrid tan-nar;
- Ewropa bla biljetti u biljetti mat-tluq għat-trasport bil-ferrovija;

<sup>25</sup> M/501

<sup>26</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 552/2004

<sup>27</sup> M/524

Il-Kummissjoni se tagħmel proposta biex tirrevedi l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà rigward il-persuni b'mobbiltà mnaqqsa biex tissimplifika l-kontenut tagħha u tiffaċilita l-applikazzjoni tagħha.

Il-Kummissjoni bħalissa qed timpenja ruħha biex tħejji inizjattiva biex tħaffef il-penetrazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi biex tinkiseb sistema ferrovjarja kompletament integrata u interoperabbli. Se tinkludi kif l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni Ewropej, li jkopru ċ-ċiklu kollu ta' innovazzjoni, jistgħu jiġu kkoordinati aħjar u ffokati biex jingħata appoġġ kemm liż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea (SERA) kif ukoll lill-kompetittività għall-industrija Ewropea tal-ferroviji.

#### 2.2.10. *Fjuwils alternattivi*

L-istandardizzazzjoni se tkun meħtieġa biex timplimenta l-pakkett dwar l-użu tal-Enerġija Nadifa għat-Trasport, inkluż l-Istrateġija dwar il-Fjuwils Alternattivi Ewropej u l-proposta għal Direttiva dwar l-użu tal-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi<sup>28</sup>.

Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà ta' punti ta' riforniment mill-ġdid tal-fjuwil jew ta' ċċarġjar mill-ġdid tal-elettriku, l-idroġenu, l-LNG u s-CNG kif spjegat fid-Direttiva proposta għandhom ikunu speċifikati fl-istandards Ewropej li jkunu kompatibbli bis-sħiħ mal-istandards internazzjonali rilevanti.

Filwaqt li l-ESOs diġà qegħdin jaħdmu fuq mandat għall-injezzjoni tal-bijometan fil-gradilja tal-gass naturali u fuq taħlitiet ta' FAME fil-fjuwil tad-diżil għall-vetturi heavy duty, għandhom jiġu żviluppati wkoll standards għal taħlitiet tal-etanol oġhla fil-fjuwil tal-gażolina għall-bijofjuwils.

Il-Kummissjoni se tappoġġja xogħol ta' standardizzazzjoni li jindirizza injezzjoni tal-bijometan fl-istruttura tal-gass naturali permezz ta' katusi taħt l-art, użu tal-bijometan bħala fjuwil għall-vetturi u metodi għall-kejl tal-kontenut tal-bijometan fil-gradilja tal-gass naturali. Barra minn hekk, se tappoġġja l-introduzzjoni aktar mgħaġġla fis-suq ta' kunċetti avanzati minn standards ta' armonizzazzjoni u żvilupp għat-teknoloġija fotovoltajka.

#### 2.2.11. *Is-sikurezza tal-infrastruttura*<sup>29</sup>

Il-Kummissjoni se tmexxi netwerk ta' partijiet interessati mill-ħarsien tal-infrastruttura kritika f'disa' oqsma tematiċi (sigurtà tal-avjazzjoni, splussivi, reżistenza ta' strutturi, kimiċi, theddid bijoloġiku fl-ilma, theddid radjoloġiku u nukleari, terremoti, sorveljanza bil-vidjo u bijometrika). Ix-xogħol fuq il-linji gwida għall-ittejtjar, il-protokollu tat-test komuni, l-istandards tal-ittejtjar u r-rakkomandazzjonijiet għaċ-ċertifikazzjoni u l-ħtiġijiet ta' politika se jappoġġjaw ukoll il-mandati eżistenti u dawk futuri.

Il-Kummissjoni tista' wkoll tikkonsulta lill-partijiet interessati dwar id-Direttiva dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq<sup>30</sup> u dan jista' jwassal għal mandat għal sistema ta' ċertifikazzjoni komuni tal-prestazzjonijiet tas-sikurezza għat-toroq. Fit-tieni stadju, jistgħu jiġu stabbiliti rekwiżiti biex jiggarrantixxu livell minimu ta' sikurezza fit-toroq man-Netwerk tat-Toroq Trans-Ewropej kollu,

<sup>28</sup> COM (2013)18

<sup>29</sup> COM (2010)560

<sup>30</sup> Id-Direttiva 2008/96/KE

mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tar-Regolament dwar il-prodotti għall-kostruzzjoni<sup>31</sup>.

#### 2.2.12. *Komunikazzjoni mingħajr fili*

L-iżvilupp u l-aġġornament ta' standards armonizzati skont il-mandati eżistenti huma essenzjali. Il-Kummissjoni tista' theggi mandati ġodda dwar:

- (1) L-iżvilupp u ż-żamma ta' standards ta' komunikazzjonijiet mobbli (UMTS, LTE, LTE avvanzati...) fil-qafas ta' proġett ta' Sħubija tat-Tielet Ġenerazzjoni (tat-3GPP),
- (2) l-użu effiċjenti tal-ispettru tar-radju għall-koeżistenza ta' servizzi ta' komunikazzjoni mobbli u t-tħaddim ta' tagħmir tar-radju u riċevituri tax-xandir, fil-meded ta' frekwenzi qrib xulxin.

#### 2.2.13. *L-ispazju għas-servizz taċ-ċittadini*<sup>32</sup>

##### 2.2.13.1. Standards għal industrija spazjali upstream u downstream

L-istandardizzazzjoni tal-ispazju tindirizza l-prijoritajiet stabbiliti fil-pjan ta' strateġija tal-ispazju tal-UE u fil-politika industrijali spazjali Ewropea. Il-ħtiġijiet huma definiti f'mandat biex tiġi żviluppata standardizzazzjoni rigward l-industrija spazjali<sup>33</sup> li tkopri l-perjodu 2011-2013 madankollu, jekk jixraq, il-Kummissjoni tista' testendi dan sal-2014-15.

Skont dan il-mandat, l-ESOs għandhom jindirizzaw firxa ta' suġġetti inklużi riċevituri ta' navigazzjoni u pożizzjonar, l-integrazzjoni ta' navigazzjoni u pożizzjonar mat-telekomunikazzjonijiet, l-iskambju tal-informazzjoni, il-formati tad-dejta, l-integrazzjoni ta' sistemi mobbli, fissi u globali ta' navigazzjoni bis-satellita, il-ħarsien tal-pjaneta, il-monitoraġġ tal-Għarfien tas-Sitwazzjoni Spazjali, l-interfaċċi tas-segment tal-art b'użu doppju u l-interfaċċi tal-kapaċita tat-tagħbija.

##### 2.2.13.2. Standards għall-programmi GNSS Ewropej

L-istandardizzazzjoni hija meħtieġa biex tappoġġja l-użu u l-implimentazzjoni tas-sistemi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo). Għalkemm il-livell eżatt tagħhom ta' maturità għal sena determinata huwa diffiċli li wieħed jipprevedi, il-ħtiġijiet tal-istandardizzazzjoni li għandhom jiġu koperti jinkludu riċevituri tas-suq tal-massa għall-applikazzjonijiet terrestri, Sistemi ta' Awmentazzjoni Bbażati fuq is-Satelliti tal-ġenerazzjoni li jmiss, itagħmir tal-utenti tal-avjazzjoni ċivili tal-EUROCAE, sinjali u servizzi Galileo fil-kuntest tal-ICAO, l-introduzzjoni ta' Galileo għall-pożizzjonar tal-apparat mobbli u pjan direzzjonali għat-tikketta "EGNOS Enabled".

#### 2.2.14. *Is-sigurtà*

L-azzjonijiet ta' standardizzazzjoni tnedew kif stipulat fil- "Politika tal-Industrija tas-Sigurtà — Pjan ta' Azzjoni għal Industrija tas-Sigurtà innovattiva u kompetittiva"<sup>34</sup>. Fuq il-bażi tar-riżultat tal-mandat li għaddej bħalissa, il-Kummissjoni tipprevedi dan li ġej:

<sup>31</sup> Ir-Regolament (EU) Nru 305/2011

<sup>32</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 683/2008

<sup>33</sup> M/496

<sup>34</sup> COM(2012) 417

- Standards ta' detezzjoni minimi u standards għat-teħid tal-kampjuni għal sustanzi kimiċi, bijoloġiċi, radjoattivi, nukleari u splussivi (CBRNE), inkluż fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni,
- Standards komuni tekniċi u ta' interoperabilità għal sistemi ta' Kontroll Awtomatizzat tal-Fruntieri (KAF) u għal identifikaturi bijometriċi,
- Standards għall-komunikazzjoni, il-kmand u l-kontroll kif ukoll l-interoperabbiltà organizzattiva fil-qasam tal-ġestjoni tal-kriżijiet/tal-protezzjoni ċivili, inkluża n-notifika ġenerali tal-popolazzjoni.

Barra minn hekk, azzjonijiet oħra huma mistennija li jirriżultaw f'aktar standardizzazzjoni, l-iktar dwar:

- standards "ibridi" applikabbli kemm għas-sigurtà ċivili kif ukoll għat-teknoloġiji tad-difiża, eż. dwar CBRNE u t-teknoloġiji tas-"Sense and Avoid",
- privatezza permezz ta' standards tad-disinn/inadempjenza għall-implimentazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ġestjoni tal-privatezza matul l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' teknoloġiji u prodotti tas-sigurtà.

#### 2.2.15. *Is-Sigurtà u s-Sikurezza Nukleari*

L-UE għandha l-għan li tiżgura li użi paċifiċi tal-enerġija nukleari jseħħu flimkien mal-oġġetti standards ta' sigurtà u sikurezza nukleari u non-proliferazzjoni. L-inizjattiva internazzjonali dwar approċċ imsejjes fuq il-kunċett olistiku dwar is-Sikurezza, is-Sigurtà u s-Salvagwardji ("3S") għall-enerġija nukleari tnediet flimkien mal-Grupp dwar is-Sikurezza u s-Sigurtà Nukleari (NSSG) fis-samit tal-G8 fl-2008, u qed tikkonverġi fuq l-idea ta' standards ta' sigurtà u sikurezza vinkolanti internazzjonalment.

Il-Kummissjoni tikkontribwixxi għall-attivitajiet ta' standardizzazzjoni ta' sikurezza u sigurtà nukleari ewlenin li jinkludu:

- Id-Dejta dwar l-Interoperabilità ta' Materjali tal-Inġinerija (ELSSI-EMD),
- Programm ta' Valutazzjoni tad-Detezzjoni tar-Radjazzjoni tat-Traffikar Illeċitu għat-tqabbil tal-prestazzjoni u tal-evalwazzjoni ta' tagħmir tad-detezzjoni tar-radjazzjoni,
- L-istandardizzazzjoni tal-formati tad-dejta, tal-materjali ta' referenza għal salvagwardji nukleari, u tal-forensika,
- Skambju ta' Informazzjoni Radjoloġika/Nukleari fl-Ewropa,
- Is-sistemi ta' kontroll u ta' strumentazzjoni tal-impjanti tal-enerġija nukleari li huma importanti għas-sikurezza u s-sigurtà.

Il-Kummissjoni se tagħti wkoll kontribut għall-iżvilupp ta' formati standard għad-dejta dwar il-materjali tal-inġinerija u se tuża dawn il-formati tad-dejta għall-ħażna u t-trasferiment effiċjenti ta' informazzjoni dwar il-materjali nukleari.

#### 2.2.16. *Sustanzi kimiċi*

L-istandards jikkontribwixxu għal approċċ armonizzat tal-infurzar tar-Regolament dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta'

Sustanzi Kimiċi (REACH)<sup>35</sup> fl-Istati Membri. Bħalissa jeħtieġ li l-ESOs jindirizzaw l-iżvilupp ta' metodi analitiċi (addizzjonali):

- immirati li jstabilixxu l-preżenza/il-konċentrazzjoni taċ-ċomb (espress bħala metall) f'oġġetti għall-konsumatur f'matriċi differenti,
- għall-migrazzjoni ta' komposti taċ-ċomb minn artikoli tal-konsumaturi b'kunsiderazzjoni tal-matriċi differenti,
- biex tkun stabbilita l-preżenza/konċentrazzjoni ta' tmien idrokarburi aromatiċi poliċikliċi (BaP, BeP, BaA, CHR, BbFA, BjFA, BkFA, DBAħA) f'oġġetti għall-konsumatur,
- għad-determinazzjoni tal-konċentrazzjoni komposti tal-kromju VI f'oġġetti tal-ġilda,
- għall-migrazzjoni minn artikoli tal-konsumaturi tas-sustanzi msemmija hawn fuq (tmien idrokarburi aromatiċi poliċikliċi u komposti tal-kromju VI) skont kundizzjonijiet ta' użu previsti raġonevolment.

Il-ġenerazzjoni ta' dejta standard fuq il-kimiċi se ttejjeb ukoll l-aċċettazzjoni tagħha mill-partijiet interessati kollha u tnaqqas l-ispiża ta' valutazzjoni tal-kimiki għall-industrija.

#### 2.2.17. *Standards tas-servizzi orizzontali*<sup>36</sup>

Sabiex tiffaċilita t-tlestija tas-Suq Intern għas-servizzi, il-Kummissjoni ħarġet mandat<sup>37</sup> għall-ipprogrammar u l-iżvilupp ta' standards tas-servizzi orizzontali fl-2013.

#### 2.2.18. *Sikurezza ta' servizzi speċifiċi*

Dan il-partita tax-xogħol hija soġġetta għall-eżitu ta' konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet interessati li hija provviżorjament skedata għat-tieni nofs tal-2013. Jekk il-kontribut mill-partijiet interessati Jwassal għall-konklużjoni li s-sikurezza tas-servizzi ta' standardizzazzjoni, eż. dwar is-sikurezza f'każ ta' nirien fil-lukandi, tirċievi appoġġ wiesa', din l-għażla għandha tibqa' miftuħa.

#### 2.2.19. *Servizzi tal-kura tas-saħħa*<sup>38</sup>

Funzjoni importanti tal-istandards għas-servizzi hija li jiġi stabbilit valur referenzjarju għas-servizzi essenzjali. Dan jgħodd għas-settur li qed jikber tas-servizzi tal-kura tas-saħħa b'mod partikolari għall-mard li ma jitteħidx kroniku. Fir-rigward tal-istandardizzazzjoni, jistgħu jkunu previsti oqsma speċifiċi għal mandati tal-ESO għal aspetti orizzontali bħas-sikurezza u r-reġistrazzjoni tal-pazjent, għal skemi ta' akkreditazzjoni għal mard speċifiku bħas-servizzi għall-kankru tas-sider, u servizzi speċifiċi għall-istadji differenti bħal servizzi ta' riabilitazzjoni.

Il-Kummissjoni se tniedi studju ta' fattibilità biex tidentifika standards nazzjonali u internazzjonali eżistenti u teżamina sa fejn dawn qed jintużaw u qed jilhqqu l-ħtiġijiet tas-sistema tas-saħħa. Ir-Regolament se jiddefinixxi kundizzjonijiet taħt liema jistgħu jiġu żviluppati l-istandards għas-servizzi tas-saħħa, inkluż b'rabta ma' standards kliniċi u l-partiċipazzjoni tal-partijiet interessati rilevanti fl-iżvilupp tal-istandards.

<sup>35</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006

<sup>36</sup> Id-Direttiva 2006/123/KE

<sup>37</sup> M/517

<sup>38</sup> Id-Direttiva 2011/24/UE, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2009/C 151/01

### 2.2.20. *Aċċessibbiltà*

Il-Kummissjoni qed tfejji Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà u qed tikkunsidra li titlob xogħol ta' standardizzazzjoni biex jiġu koperti ċerti oġġetti u servizzi fejn m'hemmx standards ta' aċċessibbiltà fil-livell tal-UE. Il-Kummissjoni se tqis ukoll il-ħtieġa għal aktar ħidma f'oqsma rilevanti koperti mill-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'diżabbiltà.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni reċentement adottat proposta għal Direttiva dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi tal-entitajiet tas-settur pubbliku. Il-Kummissjoni qed tikkunsidra jekk hux meħtieġ xogħol ta' standardizzazzjoni addizzjonali b'appoġġ taż-żewġ atti legali fid-dawl tal-ħidma għaddejja bħalissa skont il-mandati b'appoġġ tar-rekwiżiti tal-aċċessibilità għall-akkwisti pubbliċi Ewropej fid-dominju tal-ICT<sup>39</sup> u fl-ambjent mibni<sup>40</sup>, u l-mandat biex tinkludi "Disinn għal Kulħadd" f'inizjattivi ta' standardizzazzjoni rilevanti<sup>41</sup>.

Barra minn hekk, wara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'L-Ewropa, l-ewwel destinazzjoni turistika fid-dinja'<sup>42</sup>, l-użu ta' strumenti ta' standardizzazzjoni qed jiġi kkunsidrat li jidentifika speċifikazzjonijiet komunement miftehma għal disinn universali tas-servizzi turistiċi u li jindirizza rekwiżiti ta' taħriġ biex jiġi żgurat li s-servizzi tat-turiżmu huma aktar aċċessibbli.

## 2.3. **Innovazzjoni**

Permezz tal-kodifikar tal-informazzjoni dwar l-istat ta' teknoloġija partikolari, l-istandards jippermettu t-tixrid tal-għarfien, l-interoperabbiltà bejn prodotti, servizzi u kontenut diġitali ġodda u jipprovdu pjattaforma għal aktar innovazzjoni.

F'oqsma ta' teknoloġija għolja, l-istandards jgħinu fit-tkabbir permezz ta' terminoloġija, kejl u metodi ta' karatterizzazzjoni li dwarhom ikun intlaħaq qbil internazzjonali. Il-protokoll tal-evalwazzjoni għas-saħħa u s-sikurezza jistgħu wkoll ineħħu l-ostakli għall-innovazzjoni f'oqsma bħan-nanoteknoloġija u dawn jistgħu jkunu s-suġġett tal-mandati fil-ġejjieni.

L-attivitajiet xjentifiċi jagħmlu kontribuzzjoni ewlenija tal-proċess tal-istandardizzazzjoni. Il-metodoloġiji, il-proċessi u l-materjali li jwasslu għall-istandards huma definiti, parzjament jew b'mod sħiħ, bl-għarfien xjentifiku disponibbli. Pereżempju, il-Kummissjoni tista' tgħin tidentifika l-iżviluppi teknoloġiċi futuri fejn l-istandardizzazzjoni bikrija tista' tgħin l-industrija Ewropea.

Fil-kuntest tal-ekoinnovazzjoni, il-Kummissjoni tista' wkoll tiffavorixxi sistema fejn il-valur referenzjarju li jmiss effiċjenti f'termini tar-riżorsi jkun magħruf minn qabel, biex b'hekk jippermetti lin-negozji li jiġu minn ta' quddiem biex itejbu l-kompetittività globali tagħhom.

### 2.3.1. *Šhubijiet għall-Innovazzjoni*

Šhubijiet Ewropej għall-Innovazzjoni (EIPs) jaġixxu mal-katina tar-riċerka u l-innovazzjoni kollha, billi jiġbru flimkien l-atturi rilevanti kollha fuq il-livelli tal-UE, nazzjonali u reġjonali sabiex jgħinu biex jiġu antiċipati u mgħaġġla r-regolament u l-istandards kollha meħtieġa.

<sup>39</sup> M/376

<sup>40</sup> M/420

<sup>41</sup> M/473

<sup>42</sup> COM(2010) 352 finali

Is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar l-Anzjanità Attiva u f'Saħħitha<sup>43</sup> għandha l-għan li tiżgura l-interoperabbiltà u tindirizza l-ostakoli għall-aċċess tas-suq possibbli permezz ta' standards u speċifikazzjonijiet ta' referenza għal tagħmir ġdid u servizzi għall-kura integrata u l-għajxien indipendenti. L-istandards għandhom jaqdu wkoll rwol importanti fi ħdan EIPs oħra, eż. dwar is-Sostenibbiltà u l-Produttività Agrikola<sup>44</sup>, dwar il-Bliet u Komunitajiet Intelliġenti<sup>45</sup>, u dwar l-ilma<sup>46</sup>.

### 2.3.2. *Ix-xjenza fl-Istandards*

Il-grupp ta' ħidma CEN/CENELEC li jindirizza l-istandardizzazzjoni, l-innovazzjoni u r-riċerka (STAIR) huwa eżempju ta' kif l-ESOs iżommu komunikazzjoni regolari mal-komunità xjentifika. Madankollu dawn il-konnessjonijiet jeħtieġu li jiġu estżi. Il-Kummissjoni għalhekk se toħloq forum biex ittejjeb il-komunikazzjoni bejn ix-xjenza u l-istandards, imsejjaħ b'mod konġunt mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Organizzazzjonijiet tar-Riċerka u t-Teknoloġija (EARTO), l-ESOs u l-Kummissjoni.

### 2.3.3. *Sistema ta' Sistemi*

B'ħarsa 'l quddiem, iż-żieda fl-interpenetrazzjoni teknoloġika meħtieġa biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà għandha tiġi riflessa f'approċċ sistematiku għal ċerti attivitajiet ta' standardizzazzjoni. Għall-każijiet imsemmija band'oħra (bliet intelliġenti, grilja intelliġenti, vetturi elettriċi, eċċ.) l-ESOs waqqfu gruppi ta' koordinament dedikati li jgħaqqdu u jmexxu l-attivitajiet tal-korpi tekniċi involuti.

Huwa mistenni li jkun hemm aktar gruppi bħal dawn fis-snin li ġejjin, b'mod partikolari biex jappoġġjaw il-mandati orizzontali. Dawn jistgħu jipprevedu t-twaqqif ta' Gruppi tas-Sistemi speċifiċi eż. l-gruppi ta' evalwazzjoni għall-istabbiliment tal-konfini, gruppi li jaħdmu fuq il-livell tas-sistema jew gruppi tar-riżorsi li jipprovdu għodod u softwer speċjalizzati.

## 2.4. **Aġenda Diġitali għall-Ewropa<sup>47</sup>**

L-istandards huma indispensabbli għall-interoperabilità bejn il-prodotti tal-ICT, is-servizzi, l-applikazzjonijiet u l-kontenut diġitali li huwa kruċjali għall-ħolqien ta' soċjetà diġitali effettiva. Minħabba n-natura globali tas-suq tal-ICT, il-kooperazzjoni bejn l-ESOs u l-fora u l-konsorzji rilevanti hija meħtieġa biex tlaħħaq mad-domanda dejjem tiżdied għal standards fir-rigward tal-appoġġ l-interoperabilità f'dan id-dominju li qed jevolvi b'rata mgħaġġla.

Il-pjan tal-istandardizzazzjoni tal-ICT<sup>48</sup> jidentifika f'aktar dettall l-oqsma fejn l-istandards jistgħu jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet ta' politika marbuta mal-ICT inkluż permezz tal-ittejtjar tal-interoperabbiltà u komplementari u l-azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni biex tiġi żgurata l-adozzjoni effettiva tal-istandards.

### 2.4.1. *Saħħa-e*

L-interoperabbiltà, b'mod partikolari bejn il-fruntieri, hija kruċjali għall-użu mifrux tal-ICT fis-settur tas-saħħa kif stipulat fid-Direttiva dwar id-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transkonfinali<sup>49</sup>. Fl-istess ħin kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-dejta

<sup>43</sup> COM(2012) 083 finali

<sup>44</sup> COM(2012) 79 finali

<sup>45</sup> COM(2012) 4701 finali

<sup>46</sup> COM(2012) 216 finali

<sup>47</sup> COM(2010) 245

<sup>48</sup> [http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/ict/files/ict-policies/2010-2013\\_ict\\_standardisation\\_work\\_programme\\_2nd\\_update\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/ict/files/ict-policies/2010-2013_ict_standardisation_work_programme_2nd_update_en.pdf)

<sup>49</sup> Id-Direttiva 2011/24/UE

jridu jiġu indirizzati jekk il-prodotti u s-servizzi ġodda jridu jiġu sfruttati bis-siġh. L-għan huwa biex isir użu aħjar tal-istandards disponibbli u jiġu żviluppati mekkaniżmi ġodda jekk dan ikun meħtieġ.

L-istudji juru li l-istandards Ewropej u internazzjonali ħafna drabi ma jkunux speċifiċi biżżejjed biex jiżguraw l-interoperabilità tas-soluzzjonijiet tal-ICT fis-Saħħa-e<sup>50</sup>. B'parir mingħand in-netwerk tas-Saħħa-e, speċifikazzjonijiet aktar dettaljati, eż. għall-akkwist pubbliku, se jiġu identifikati biex jikkontribwixxu għall-Interoperabilità tal-Qafas tas-Saħħa-e. Il-Kummissjoni tipproponi li tagħti spinta lill-interoperabilità billi tkompli tiżviluppa u tivvalida speċifikazzjonijiet u komponenti u wkoll permezz ta' mandati ta' standardizzazzjoni jekk ikun meħtieġ.

#### 2.4.2. *Identifikazzjoni bil-Frekwenzi tar-Radju (ir-RFID)*

L-aspetti tas-sigurtà tal-informazzjoni, il-protezzjoni tad-dejta, u l-privatezza qed jiġu indirizzati bi tweġiba għall-mandat fil-qasam tal-ICT applikati għall-RFID<sup>51</sup>. L-għan tal-ewwel fażi kienet li tħejji qafas komplet għall-iżvilupp ta' standards RFID futuri u x-xogħol fit-tieni fażi li għadha għaddejja, se jipproduċi sett ta' standards Ewropej, speċifikazzjonijiet tekniċi u rapporti minn kmieni fl-2014.

#### 2.4.3. *Ħiliet-e u Tagħlim-e*

Kif ġie nnutat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Ħiliet fl-elettronika għas-Seklu 21"<sup>52</sup>, oqfsa, tal-kompetenzi pan-Ewropej, għodda, u soluzzjonijiet tat-Tagħlim-e effiċjenti u interoperabbli jrawmu l-iżvilupp ta' ħiliet relatati mal-ICT u jippromwovu t-tagħlim tul il-ħajja. Huma previsti azzjonijiet ġodda ta' standardizzazzjoni fl-oqsma li ġejjin:

- Oqfsa tal-Kompetenzi-e għal utenti tal-ICT, prattikanti tal-ICT u mexxejja-e,
- Rakkomandazzjonijiet u/jew linji gwida dwar l-iżvilupp ta' kurrikulum ġdid għal prattikanti tal-ICT u mexxejja-e,
- Standards tal-kwalità tat-Tagħlim-e Ewropew sabiex tiġi żgurata l-armonizzazzjoni, l-użu u l-implimentazzjoni,
- Korsijiet ta' Tagħlim-e, repożitorji tal-kontenut u mekkaniżmi ta' skambju,
- Standards tal-interoperabilità għal Kotba-e interattivi u materjali edukattivi diġitali oħrajn.

#### 2.4.4. *L-Akkwist-e/Katalgi-e*

Il-Kummissjoni għandha l-għan li tagħmel l-Akkwist-e sempliċi billi tiffaċilita l-emerġenza ta' qafas Ewropew interoperabbli, u tibni fejn possibbli fuq standards Ewropej. Jista' jkun meħtieġ li xogħol ta' standardizzazzjoni li diġà qiegħed jitwettaq ikun rinfurzat jew ikkompletat. L-istandards għandhom jgħinu biex jagħmlu l-Akkwist-e aktar effiċjenti billi jittieħed kont tar-riżultati ta' proġetti tal-UE bħall-proġett tal-Akkwist Pubbliku PanEwropew Onlajn (PEPPOL) u l-ħidma mwettqa mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN).

In-nuqqas ta' definizzjoni komuni tal-Katalgi-e mal-UE u skemi ta' klassifikazzjoni multipli għal prodotti u servizzi huma fost l-ostakoli li l-intrapriżi — speċjalment l-SMEs — iħabbtu wiċċhom magħhom meta jkunu qed jippruvaw iwettqu

<sup>50</sup> <http://www.ehealth-strategies.eu/>

<sup>51</sup> M/436

<sup>52</sup> COM (2007)496

tranżazzjonijiet tal-Akkwist-e. Biex ikunu żgurati soluzzjonijiet uniformi u olistiċi, hemm elementi tal-fażijiet ta' qabel l-għoti kif ukoll ta' wara l-għoti li għandhom jiġu indirizzati iżjed mis-CEN, inklużi l-interkonnessjonijiet tagħhom tas-soluzzjonijiet tal-Fatturazzjoni-e u tal-ħlasijiet.

#### 2.4.5. *Il-Fatturazzjoni elettronika (l-Fatturazzjoni-e)*

Il-Kummissjoni għandha l-għan li tagħmel it-tranżazzjonijiet onlajn sempliċi, billi tiżgura t-tlestija taż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (SEPA) u billi tiffaċilita l-iżvilupp ta' qafas Ewropew interoperabbli għall-Fatturazzjoni-e. Il-Forum Ewropew tad-Diversi Partijiet Interessati dwar il-Fatturazzjoni-e qed jagħti parir dwar il-ħtiġijiet speċifiċi ta' standardizzazzjoni.

Il-Kummissjoni u s-CEN se jivvalutaw il-kontributi li jggarantixxu li l-istandards Ewropej adattati huma disponibbli. Jeħtieġ li l-istandards fil-qasam tal-Fatturazzjoni-e jiżguraw rabta mal-istandards rilevanti fl-Akkwist-e u s-SEPA. Barra minn hekk, il-korpi Ewropej u internazzjonali tal-istandardizzazzjoni għandhom jaħdmu għall-iżvilupp mgħaġġel tal-messaġġi tan-Negożju-e komplementari sabiex tittejjeb il-ħila li jiġu nnegozjati prodotti u servizzi b'mod effettiv.

Il-Kummissjoni tista' toħroġ mandat li jkopri d-definizzjoni ta' mudell tal-interoperabbiltà semantiku u ta' mudell tad-dejta tal-Fatturazzjoni-e Ewropea.

#### 2.4.6. *Soluzzjoni onlajn għat-tilwim (ODR) għal Kummerċ-e*

Ir-Regolament dwar l-ODR tal-konsumaturi<sup>53</sup> jistabbilixxi pjattaforma ta' Fond Ewropew tal-ODR. Hemm il-ħtieġa li jiġi esplorat u ddefinit ir-rwol ta' standardizzazzjoni internazzjonali u Ewropea għall-interoperabbiltà bejn il-pjattaforma tal-ODR u l-iskemi tal-ODR imħaddma fuq livell nazzjonali. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha l-għan li tħeġġeġ l-iżvilupp ta' qafas tal-ODR interoperabbli għall-iskambju tad-dejta, li jibni fuq l-istandards u l-prattiki internazzjonali taċ-Ċentru tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iffaċilitar tal-Kummerċ u l-Kummerċ Elettroniku (UN/CEFACT) .

#### 2.4.7. *L-Internet tal-Oġġetti (IoT)*

L-IoT jirreferi għall-konnessjoni inviżibbli ta' biljuni ta' oġġetti mal-Internet biex tittieħed jew tintbagħat informazzjoni lil sistema fil-bogħod, ħafna drabi mingħajr intervent uman dirett. Mhuwiex ristrett għal teknoloġija ta' komunikazzjoni speċifika u jkopri bosta soluzzjonijiet tekniċi (RFID, TCP/IP, is-sensors, l-actuators, l-interfaċċis, eċċ.) relatati mal-identifikazzjoni tal-oġġett u mal-ġbir, il-ħażna, l-ipproċessar u t-trasferiment tad-dejta fi ħdan ambjenti fiżiċi u bejn kuntesti fiżiċi u virtwali.

L-istandardizzazzjoni tal-mandat tal-IoT se tesplora fl-ewwel fażi (sena sa sentejn) jekk l-istandards jistgħux jiżguraw li r-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-dejta u tas-sigurtà (legali) jiġu ssodisfati u fit-tieni fażi se tiżviluppa dawk l-istandards.

#### 2.4.8. *Identifikazzjoni elettronika u servizzi fiduċjarji fosthom il-firem elettroniċi*

Fil-kuntest tad-Direttiva dwar il-firem elettroniċi<sup>54</sup>, il-Kummissjoni ħarġet mandat<sup>55</sup> fil-bidu tal-2010 sabiex ikunu rrazzjonalizzati l-istandards marbuta mal-Firem-e u s-servizzi fiduċjarji relatati f'qafas aġġornat koerenti. Il-qafas razzjonalizzat huwa

<sup>53</sup> Għandha tiddaħħal ir-referenza wara l-adozzjoni fir-rebbiegħa tal-2013

<sup>54</sup> Id-Direttiva 1999/93/KE

<sup>55</sup> M/460r

strutturati f' sitt elementi: il-ħolqien u l-validazzjoni tal-Firma-e; apparati relatati mal-ħolqien tagħhom; suites kriptografiċi; servizzi fiduċjarji li jipprovdu appoġġ bħal ħruġ ta' ċertifikati; servizzi ta' valur miżjud bħal posta reġistrata jew il-preservazzjoni tad-dejta; u l-ġhoti tal-listi tal-istatus tas-servizzi ta' fiduċja. Il-biċċa l-kbira tar-riżultati huma mistennija mill-2014 'il quddiem.

F'Ġunju 2012, il-Kummissjoni pproponiet Regolament dwar identifikazzjoni elettronika u servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern<sup>56</sup> biex jissostitwixxi d-Direttiva dwar il-Firem-e u jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu biex jindirizza l-identifikazzjoni elettronika, il-firem, is-siġilli, it-timestamps, il-kunsinna, id-dokumenti jew iċ-ċertifikati ta' awtentikazzjoni tal-websajts. Aktar mandati ta' standardizzazzjoni se jkunu meħtieġa biex tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni tagħha.

#### 2.4.9. *Pagamenti bil-kard, bl-internet u bil-mowbajl*

In-nuqqas ta' standards u interoperabilità bejn atturi u soluzzjonijiet differenti involuti fil-qasam ta' pagamenti bil-kard, bl-internet u bil-mowbajl huwa sors ta' frammentazzjoni tas-suq u jdewwem l-adozzjoni mifruxa b'mod wiesgħa ta' metodi tal-ħlas innovattivi pan-Ewropej.

Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew, biħsiebha tiffaċilita l-konverġenza tal-attivitajiet tal-istandardizzazzjoni li għaddejjin fil-qasam tal-ħlasijiet bil-kards u tixpruna l-emerġenza ta' standards pan-Ewropej għall-pagamenti-m u l-pagamenti bl-Internet. Bħala l-ewwel pass, il-Kummissjoni se tistieden lill-ESOs u entitajiet rilevanti oħra bħall-Kunsill tas-SEPA sabiex jellaboraw il-ħtiġijiet tal-utenti u tan-negozju u jivvalutaw id-diskrepanzi fl-istandardizzazzjoni eżistenti.

#### 2.4.10. *Sistemi tat-Trasport Intelliġenti (STI);<sup>57</sup>*

L-istandards komuni Ewropej u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi huma importanti ħafna sabiex jiżguraw l-interoperabilità tas-servizzi u tal-applikazzjonijiet tal-ITS, jaċċelleraw l-introduzzjoni tagħhom u jimmassimizzaw l-impatt tagħhom. Azzjonijiet ġodda ta' standardizzazzjoni se jinkludu:

- Sistemi kooperattivi għal trasport intelliġenti,
- Ippjanar tal-vjaġġi multimodali
- Arkitettura tal-pjattaforma miftuħa fil-vetturi;
- Mapep Diġitali,
- L-Interoperabbiltà tat-Trasport Pubbliku u l-ambjent Urban ITS,
- Linji gwida u speċifikazzjonijiet tekniċi biex jiġi żgurat li jkun hemm Interazzjoni sikura abbord bejn il-Magna u l-Bniedem,
- Ġbir Elettroniku ta' Tariffi,
- Il-kooperazzjoni internazzjonali mmirata lejn l-armonizzazzjoni globali tal-istandards (Ftehimiet mal-Istati Uniti u l-Ġappun rigward applikazzjonijiet tal-ICT għat-trasport bit-triq).

<sup>56</sup> COM (2012)238

<sup>57</sup> Id-Direttiva 2010/40/UE, COM (2008) 886

## 2.5. It-Tibdil fil-Klima u Ewropa Effiċjenti fir-Riżorsi<sup>58</sup>

### 2.5.1. *L-adattament għat-tibdil fil-klima*

Il-preparazzjoni ta' Strateġija tal-UE ta' Adattament li jmiss identifikat l-istandards bħala potenzjalment importanti biex tiġi ggarantita r-reżiljenza tal-infrastruttura f'ċerti setturi: l-infrastruttura tat-trasport, l-infrastruttura tal-enerġija u l-konstruzzjonijiet/bini. Tista' tkun rilevanti biex ikunu identifikati liema standards għandhom jiġu promossi u/jew emendati sabiex jitqiesu l-impatti kurrenti u futuri tat-tibdil fil-klima fid-deċizzjonijiet tal-investment fl-infrastruttura.

Mod wieħed biex tkun appoġġjata l-politika tal-UE dwar il-klima u tingħata għajnuna sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Konvenzjoni tal-Qafas tan-NU dwar il-Bidla fil-Klima huwa li jiġu żviluppati standards Ewropej għall-valutazzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG) f'industriji li jikkunsmaw ħafna enerġija.

Skont il-mandat attwali għall-iżvilupp ta' standards tekniċi tal-UE fil-qasam tal-emissjonijiet tal-GHG<sup>59</sup> għall-azzar, is-siment, l-aluminju, il-ġir u l-liġi tal-ħadid, ir-rapporti se jinħarġu fl-2013 mar-riżultati ta' testijiet ta' verifika. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawn it-testijiet jiggarrantixxu l-eżattezza u r-riproduċibbiltà tal-metodi proposti tal-kejl standardizzati.

### 2.5.2. *Ir-Regolament dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu*

Ir-Regolament dwar sustanzi li jnaqqsu l-ożonu<sup>60</sup> jirrestrinġi l-użu ta' bosta sustanzi perikolużi, inkluż it-tetraklorur tal-karbonju u t-triklorotrifluoroetani, u xi standards eżistenti għandhom jiġu verifikati għall-konformità mal-projbizzjonijiet tal-użu propost.

### 2.5.3. *Il-Kwalità tal-arja*

Id-Direttiva dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa<sup>61</sup> tistipula rekwiżiti li jimmonitorjaw il-prekursuri tal-ożonu. Il-Kummissjoni qed tistenna li tibgħat mandat ġdid lill-ESOs għall-iżvilupp ta' standards ta' kejl armonizzati.

### 2.5.4. *L-iskart*

L-ESOs huma mistennija, fl-ambitu tad-Direttiva dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku<sup>62</sup> (WEEE), li jiżviluppaw standard Ewropew wieħed jew aktarli jirriflettu l-għola livell għat-trattament ta' tagħmir tal-iskart (inkluż l-irkupru, ir-riċiklaġġ u l-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid).

B'appoġġ għad-Direttiva dwar l-iskart<sup>63</sup>, il-Kummissjoni se ttejjji mandati ġodda għall-iżvilupp ta' metodi għad-determinazzjoni tal-produzzjoni ta' gass tossiku u ta' elementi u sustanzi fl-iskart rilevanti għall-perikli u l-perikli ambjentali.

### 2.5.5. *Ikel sostenibbli*

Bħala parti mill-Pjan Direzzjonali għal Ewropa effiċjenti fir-riżorsi, il-Kummissjoni se tadotta Komunikazzjoni dwar l-ikel sostenibbli fl-2013 li tista' twassal għal talbiet għal attivitajiet ta' standardizzazzjoni.

<sup>58</sup> COM(2011) 21

<sup>59</sup> M/478

<sup>60</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009

<sup>61</sup> Id-Direttiva 2008/50/KE

<sup>62</sup> Id-Direttiva 2012/19/UE

<sup>63</sup> Id-Direttiva 2008/98/KE

### 3. ID-DIMENSJONI INTERNAZZJONALI TAL-ISTANDARDIZZAZZJONI EWROPEA

L-għan ġenerali huwa li tissaħħaħ il-firxa globali u l-kompetittività tal-industrija Ewropea billi jjitnaqqsu l-ostakli tekniċi għall-kummerċ. L-użu ta' standards komuni jew teknikament allinjati jappoġġja l-iskambju ta' oġġetti u servizzi billi jżid l-interoperabbiltà fil-livell globali. L-għan se jintlaħaq permezz ta':

- Il-mira għall-aktar koerenza wiesgħa possibbli bejn l-istandards internazzjonali u Ewropej (b'rispett għas-supremazija tal-istandardizzazzjoni internazzjonali bi tmexxija Ewropea b'saħħitha f'ħafna setturi) u l-estensjoni/l-iffaċilitar tal-użu ta', jew l-allinjament tekniċu ma', standards Ewropej u/jew internazzjonali barra l-UE,
- It-tqajjim ta' kuxjenza u l-promozzjoni tal-vantaġġi tal-istandardizzazzjoni Ewropea bħala sistema reġjonali koerenti inkorporata fl-istandardizzazzjoni internazzjonali u r-regolamentazzjoni multilaterali, u li tappoġġjahom bis-sħiħ,
- Il-kontribut għad-djalogi ta' politika/regolatorji bilaterali bejn l-UE u pajjiżi terzi, kif ukoll għall-kapitoli rilevanti ta' negozjati dwar il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles. Il-prijoritajiet attwali jiffokaw fuq l-Istati Uniti (ma' min wieħed irid jaħdem fuq il-ftehim dwar "Il-Bini tal-Pontijiet" bejn is-sistemi tal-istandards tal-Istati Uniti u l-UE<sup>64</sup> u fin-negozjati għall-isħubija transatlantika li jmiss dwar il-kummerċ), iċ-Ċina (djalogu regolatorju u dwar il-politika industrijali, sħubijiet strateġiċi), ir-Russja (sħubija għall-modernizzazzjoni), l-Indja, il-Ġappun, il-Korea, l-ASEAN u l-Amerika Latina,
- L-estensjoni tas-suq uniku b'mod partikolari permezz tal-proċess tat-tkabbir tal-Unjoni Ewropea, il-politika Ewropea tal-Viċinat, u n-negozjar ta' Ftehim dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u l-Aċċettazzjoni ta' prodotti industrijali ma' pajjiżi terzi li jadottaw il-leġiżlazzjoni Ewropea dwar is-sikurezza tal-prodotti appoġġjata minn standards Ewropej.
- Azzjonijiet strateġiċi f'pajjiżi prijoritarji li jikkonsistu f'dan li ġej:
  - Esperti tal-istandardizzazzjoni ssekondati Ewropej, attwalment fiċ-Ċina u l-Indja (u forsi fil-futur fil-Brażil), li jiżguraw preżenza lokali tal-istandardizzazzjoni Ewropea u fluss ta' informazzjoni dwar l-aċċess għas-swieq ewlenin;
  - Pjattaformi ta' informazzjoni onlajn dwar l-istandardizzazzjoni, (maċ-Ċina<sup>65</sup>, fejn l-enfasi hija fuq li tiġi estiża l-kopertura lil hinn mis-setturi tal-lum u possibilment fil-futur mal-Istati Uniti), li jippjanaw ix-xenarji tal-istandardizzazzjoni rispettivi inkluż l-aspetti tal-aċċess għas-swieq direttament marbutin mal-istandardizzazzjoni.
  - Appoġġ għat-tiżi tal-kapaċitajiet Afrikani fil-qasam tal-istandards, skont il-pjan tal-Azzjoni Konġunta bejn l-UE u l-Afrika, notevolment permezz ta' djalogu politiku u tekniċu mal-organizzazzjonijiet rilevanti Afrikani reġjonali u ta' standardizzazzjoni.

<sup>64</sup>

[http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2011/december/tradoc\\_148393.pdf](http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2011/december/tradoc_148393.pdf)

<sup>65</sup>

[http://ec.europa.eu/enterprise/newsroom/cf/itemdetail.cfm?item\\_id=6271&lang=en](http://ec.europa.eu/enterprise/newsroom/cf/itemdetail.cfm?item_id=6271&lang=en)

#### 4. KONKLUŻJONI

Dan l-ewwel programm ta' ħidma annwali tal-Unjoni għall-istandardizzazzjoni Ewropea adottat skont ir-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni huwa element ewlieni fl-isforzi tal-Kummissjoni biex jitħaffu l-proċessi ta' standardizzazzjoni. Dan jippermetti antiċipazzjoni u ppjanar aktar effiċjenti tal-attivitajiet ta' standardizzazzjoni u dawn l-isforzi se jissaħħu aktar bi skadenzi iqsar għall-aċċettazzjoni tal-mandati proposti. L-iskeda tat-tali programm tippermetti s-sinkronizzazzjoni ma' xogħol preparatorju tal-ESOs u l-Kummissjoni ssejjaħ l-ESOs biex jieħdu dan il-programm ta' ħidma in konsiderazzjoni meta jelaboraw il-programmi ta' ħidma annwali tagħhom stess aktar tard matul is-sena.

Il-programm għe stabbilit f'konsultazzjoni mal-partijiet kollha interessati u jipprovdi pjattaforma biex tiġbor medda wiesgħa ta' kontribuzzjonijiet dwar prijoritajiet futuri għal attivitajiet ta' standardizzazzjoni. Tagħrif dwar l-attivitajiet ta' standardizzazzjoni mibdija fuq il-bażi ta' dan il-programm ta' ħidma se jiġi inkluż fil-programm ta' ħidma tal-Unjoni li jmiss għall-istandardizzazzjoni Ewropea biex tiġi żgurata reazzjoni għall-partijiet interessati kollha.